Minuti tal-Laqgħa Nru. 35 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 18 t’ April 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Skużati | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa
5. Inawgurazzjoni tal-Lattrina
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.1 il-Kunsillier Caruana qal li hawnhekk il-problema kienet qed tkun li qed ikun hawn ħafna ipparkjar u anki nistgħu nagħmlu tabella No Long Vehicles.

1.2 Fuq punt 3.11 il-Kunsillier Caruana semma li din kellha tkun reċiviment.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Victor Caruana semma li quddiem l-Ispiżjara ta' Triq Dun Pawl trid issir bollard u ppropona nistgħux inressqu talba biex issir speed camera fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Huwa semma ukoll li bħalissa hawn warden li qed tagħti ħafna ċitazzjonijiet li mhux qed ikunu ġusti.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa kif konna bqajna fuq ir-railing li kellu jsir fejn hemm il-Monument tal-Gwerra. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat purchase order apposta lill minn kellu jagħmel dan ix-xogħol u se jerġa jfakkru fuqu. Huwa saqsa ukoll jekk konniex kellimna lil xi persuna li tista tagħmel xogħol ta tiswija fuq il-kanċell taċ-Ċimiterju ta' San Tumas.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li jridu jsiru xi road signs fejn hemm Triq il-Mitjar. Is-Sindku semma li huwa diġà għamel xi sinjali hemmhekk skont ir-regolamenti tat-Transport Malta. Is-Sindku issuġġerixxa kieku hawnhekk parti mit-Triq tkun irranġata għall parkeġġi u titħalla naħa miftuħa.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi żebgħa li saret faded fi Triq Pietru Saliba.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fiex kien wasal ix-xogħol tal-lostru tal-bibien tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja fuqhom.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm Wied Betti hemm bżonn li jinqata l-ħaxix.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri qal biex inkellmu lill-kennies għax dan qeed jgħaddi bil-karetta kmieni filgħodu minn Triq Sant' Andrija u qed iqajjem in-nies għax jgħaddi minn fuq il-bankina bil-blokok.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm xi sinjali tat-Toroq fi Triq Mikelanġ Sapiano li rridu nerġgħu nagħmluhom. Huwa qal ukoll li hemm tabella tad-dwiefer fi Triq Pawlu Magri wara Wesgħet Dun Joe Camilleri li tispikka ħafna għall ambjent tat-Triq. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja mal-PA fuqha. Huwa qal ukoll li għandna bżonn naqtgħu il-ħaxix li hemm fi Sqaq Ħal Saflieni li jagħti għall kamra tan-Nar.

3.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm biċċa art kbira li ġenb minnhom jmiss ma Triq il-Ġdida. Huwa qal li kien iċċekkja mad-Dipartiment tal-Insfrastruttura u dawn qalulu li din hija propjetà tal-Gvern Ċentrali. Huwa semma li għandna nagħmlu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tat-Toroq, Proġetti Kapitali u Infrastruttura biex naraw kif din l-art tista tgħaddi għand il-Kunsill Lokali u jkun hemm spazju rikreattiv għall Ħal Luqin.

3.8 Is-Sindku semma li konna irċevejna stedina minn naħa tal-Onor. Silvio Parnis biex ikollna laqgħa miegħu u nitkellmu dwar tlett issues li huma l-aktar jaħarqu għall Kunsill Lokali. Huwa saqsa lill-Kunsilliera preżenti liem huma bħala issues li huma kienu qed jaraw u ħeġġiġhom biex jattendu għall laqgħa. Bħala issues li semmew il-Kunsilliera kien hemm mistoqsija dwar liem toroq kienu se jsiru minn naħa tal-Gvern Ċentrali, talbiet pendenti ma Transport Malta (bus shelters, applikazzjonijiet pendenti u skemi speċjalment residential parking) u gwardjani.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi tarmac fi Triq il-Mitjar li jrid jiġi irranġat. Is-Sindku qal li huwa diġà kellem lill-kuntrattur fuqu biex jirranġa dan it-tarmac u anki kien kitiblu l-Perit stess.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma jekk nistgħux noħorġu tender biex ikun hemm kuntrattur li jagħmel xogħol ta' patching. Is-Sindku semma li dan ma jkunx vjabbli peress li llum hawn diversi xogħolijiet għaddejjin u ma jkunx hawn minn japplika għall dawn ix-xogħolijiet.

3.11 Il-Kunsillier Camilleri saqsa kif konna bqajna fuq l-item tal-pompa tal-petrol li kienet se ssir fi Triq Ħal Qormi. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni bħalissa wieqfa sakemm tinbidel il-policy għax kien hemm oġġezzjoni mill-NGO's.

## 4.0 JUM ĦAL LUQA

4.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li għall okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa hemm kollox ibbukkjat. Huwa qal li saru l-arranġamenti biex ikun hemm l-għana dakinhar, kommuttiva, snajja' Maltin u wirja bil-fniek. Huwa qal li Skene se jorganizzaw logħob tradizzjonali. Minn naħa tal-Każini dawn ikkonfermawlu li jistgħu jsajru.

4.2 Is-Sindku saqsa x' se jsir dwar il-korteo. Dakinhar tal-15 ta' Mejju se jkun hemm Quddiesa biss u Jum Ħal Luqa jsir il-weekend ta dik il-ġimgħa jiġifieri fid-19 ta' Mejju li matulha jingħata Ġieħ Ħal Luqa kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti.

4.3 Is-Sindku semma li kien kellmu l-Kappillan biex jinġiebu xi planters fl-okkażżjoni tal-Qalb ta'm Gesu u Corpus. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex ikellem lill ELC fuq dawn u anki biex jinġiebu dakinhar meta issir Jum Ħal Luqa. Il-Kunsillier Caruana qal li qabel in-nies kienu joħorġu il-fjuri barra u jitfgħu il-weraq fit-Triq.

4.4 Is-Sindku semma biex dakinhar tal-korteo ikun hemm il-bagpipes li jdoqqu matulu. Is-Sindku semma wkoll li l-aħjar okkażżjoni biex isir ir-reċiviment ikun dakinhar tal-Quddiesa stess.

**5.0 INAWGURAZZJONI TAL-LATTRINA**

5.1 Is-Sindku semma li għall inawgurazzjoni tal-lattrina l-aħjar issir dakinhar ta' Jum Ħal Luqa. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

**6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

6.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien jikkonsisti l-ispejjeż tal-vann. Is-Segretarju semma li dan kienet marritlu l-gasket u t-thermostat u għalhekk telgħu dawn l-ispejjeż. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa b' mod volontarju jkun jista jagħmel routine check fuqu biex jara jekk ikunx hemm xi ħaġa li tkun sejra ħażin.

**7.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Erbgħa 18 t' April 2018 fis-7.00 p.m. Kien hemm id-data tal-11 ta' Mejju 2018 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2018.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv